MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 1/2005/2

**Avviz numru 1/05 DM**

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet

vs

Paul Vella u b' digriet tas-17 ta' Novembru 2000 il-gudizju gie trasfuz f' isem Mary Vella armla ta' l-imsemmi Paul Vella u ta' uliedu Winifred Gatt, Marlene Degiorgio, William Vella f' ismu proprju u bhala prokuratur ta' in rappreżentanza ta' ohtu Kathleen Nanmi, Mary Rose Mallia u Joan Wirth.

Il-Bord,

Ra c-citazzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet fejn wara li ppremetta illi:

1 Premess illi permezz ta' rikors, (numru 23/2000), fil-Bord ta' 1-Arbitragg dwar l-Artijiet, 1-attur kien lest illi

jikkumpensa lill-konvenuti s-somma ta’ hmistax-il elf, tliet mija u hamsin liri Maltin, u tnejn u tmenin centezmi (Lm206.82), u dan ghar-rigward ix-xiri assolut ta’ 1-utile dominju perpetwu ta’ porzjon art, bhala libera u franka, gewwa Rahal Gdid, tal-kejl 1161 mk, u dana skond rapport tal-Perit Oscar Caruana Montaldo A & CE, ta’ l-11 ta’ Settembru 1992, indikata bhala item lB fuq il-pjanta LD 64/89/7;

2 Premess illi, il-konvenuti kienu talbu li l-ammont ghandu jkun dak ta’ erba’ w’ghoxrin elf u tliet mija u wiehed u tmenin liri Maltin, (Lm24, 381), u dan skond ittra ufficjali pprezentata ai termini d-dispozizzjonijiet tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3 Premess illi, sussegwentement il-konvenuti pprezentaw affidavit, flimkien ma’ stima, tal-Perit Godwin J Aquilina, fejn stmaha il-propjeta in kwistjoni, flimkien ma’ porzjon art ohra adjacenti fl-ammont ta’ Lm420,000, u li sussegwentement, fix-xhieda tieghu fis-seduta tad- 19 ta’ April 2004, indika porzjon art ta’ daqs ta’ 2595mk, u ghalhekk ikkonsidrahom bhala porzjon art wahda, u mhux separatament, minn art ohra mertu ta’ rikors iehor u cioe 40/2001 JC, fil-konfront ta’ sidien ohra;

4 Premess illi l-Periti teknici li jassistu lic-Chairinan fil-Bord ta’ l-Arbitragg dwar l-Artijiet, fl-istima taghhom, ivvalutaw l-art fl-ammont ta’ Lm76, 000, u din bhala fabbrikabbli skond il-ligi, partikolarment l-Artikolu 27 tal-Kap 88, u wara li hadu konjizzjoni tax-xhieda tar-rapprezentanti tal-MEPA, u ta’ l-Awtorita tad-Djar;

5 Premess illi nonostante s-suespost, il-Bord ta’ l-Arbitragg dwar l-Artijiet, ipprocieda sabiex iddecieda, permezz ta’ decizjoni moghtija nhar is-6 ta’ Dicembru 2004, issegwenti; “Jilqa’ t-talbiet tar-rikorrent, u jordna lill-intimati jittrasferixxu favuru b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera bicca art f’Rahal Gdid, tal-kejl ta’ 17,345 metri kwadri li tmiss mill-Lvant u mix-Xlokk ma’ proprjeta tal-Kurja Arciveskovili u mit-Tramuntana ma’ Triq Pubblika, minn liema bicca art l-intimati jipposjedu l-utile dominju perpetwu ta’ bicca art tal-kejl 1161 metri kwadri li

tmiss mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' propjeta ta' Paul Vella u John Vella, mill-Grigal ma' propjeta ta' John Vella kif deskritta fi pjanta annessa ma' l-Avviz ghall-Ftehim bil-kumpens ta' sitta u sebghin elf lira Maltija (Lm76,000). Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad--Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun qed jaghmilha minfloku biex jippubblika l-att relattiv fis-7 ta' Frar 2005 fid-9:00 am"

6 Premess illi, il-Bord ta' l-Arbitragg, kif kompost mill-Chairman, u mill-membri teknici li jassistuh, naqas permezz tad-decizjoni moghtija minnu nhar is-6 ta' Dicembru 2004; milli jsegwi l-principji stabbiliti fl-Artikolu 18 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta, dwar jekk l-art in kwistjoni hix fabbrikabbli jew le, kif ukoll iddecieda li jistabbilixxi valur ta' l-art minghajr ma' gew ikkunsidrati d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 27 (1) (b) (i), tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan peress li jidher li l-Bord ikkunsidra l-art bhala porzjon akbar, u mhux illimita ruhu ghall-art mertu tar-rikors, fil-waqt illi strah fuq fatturi li jmorru oltre dak stabbilit fis-succitati dispozizzjonijiet tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta, u ordni addirittura kumpens li jeccedi anke l-valur indikat mill-konvenuti;

7 Premess illi dan kollu ai termini l-paragrafi (e), (f), (g), u (l), ta' l-Artikolu 811, tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti lok ghal ritrattazzjoni.

U talbu li dan il-Bord:

1. Prevja r-revoka u t-thassir tad-decizjoni moghtija mill-istess Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet tas-6 ta' Dicembru 2004, fl-ismijiet premessi, (rikors numru 23/2000 JC), u dan a tenur, ta' l-Artikolu 811 (e), 811 (f), 811 (g), u 811 (l), tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u jordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi;
2. Bl-ispejjez kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-intimati fejn eccipew illi:

1. Preliminarjament m' hux konsentit li ssir procedura ta' ritrattazzjoni minn decizjoni tal-Bord ta' l-Arbitragg

Dwar Artijiet. L-ligi ma' tipprovdix dan ir-rimedju ghal decizjonijiet minn dan l-Bord u inoltre dan l-Bord ta' Arbitragg ma jikkonfigurax bhala Qorti kif defenit mill-Kap 12 Art 811;

2. It-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u dan billi ma tezisti l-ebda raguni ghaliex ghandha tithassar u tigi revokata d-decizjoni moghtija mill-Borg tal-Arbitragg dwar l-Artijiet tas-6 ta' Dicembru 2004 fl-ismijiet premessi (Rikors 23/2000) u dan billi fil-parti disponsittiva tas-sentenza t-trasferiment relattiv huwa tal-art ta' kejl ta' 1161m2 li hija proprjeta' tal-eccipjenti u l-kumpens stabbilit ta' LM76,000 huwa l-istess kumpens li gie stabbilit mill-periti tal-Bord liema decizjoni tal-periti m' hijiex wahda sindikabbli;

3. Ma hemm ebda appklikazzjoni hazina tal-ligi, ma hemm ebda decizjoni fuq materja li ma kienetx inkluza fl-atti, is-sentenza m' inghatatx fuq aktar minn dak li ntalab u lanqas m' hemm zball li jirrizulta mill-atti u konsegwentement ma hemm ebda wahda mill-kawzalijiet li tista' tintitola lir-rikorrenti ghal dan ir-rimedju straordinarju ta' ritrattazzjoni.

4. Tajjeb li jigi rilevat illi l-Kapitolu 88 gie emendat wara li inghatat is-sentenza u cioe' fit-23 ta' Dicembru 2004 fejn gie espressament stabbilit illi l-kumpens li jista' inghata mill-Bord ma' jistghax jeccedi l-ammont li jkun intalab minn xi wiehed mill-partijiet u dan ifisser illi qabel tali emendi, l-valutazzjoni li ser taghmel il-Bord ma kellhiex limiti u fil fatt kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn il-Bord kien stabbilixxa l-kumpens aktar mill-ammont li kien intalab minn xi wiehed jew wahda mill-partijiet fil-proceduri relattivi.

5 F' kull kaz pero, waqt l-andament tal-kawza kif anke jirrizulta mil-istima tal-perit mressaq mill-eccipjenti, l-kumpens pretiz mil-eccipjenti kien iktar minn dak kwantifikat mil-Bord fl-imsemmija sentenza;

6 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-process allegat bin-numru 23/2000 fl-istess ismijiet;

Ra l-verbal tas-seduta ta' l-20 ta' April ta' l-2006 fejn il-konvenut irrinunzja ghal l-ewwel eccezzjoni minnu sollevata;

Ra l-atti kollha tal-process;

Semgha t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet; u

Ikkunsidra:

Illi m' hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti illi wara li l-attur kien baghat lill- konvenut l-Avviz ghall-Ftehim relattiv ghall-akkwist ta' l-art esproprjata in kwistjoni, il-konvenut kien ikkontesta l-offerta maghmula mill-Kummissarju ta' l-Artijiet u kien iddikjara illi huwa kien qed jippretendi bhala kumpens gust u reali ghall-porzjoni ta' art li taghha kellu l-utile dominiu u perpetwu tal-kejl ta' 1161 metru kwadri, is-somma ta' erbgha u ghoxrin elf lira, tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltin (LM24,381), kif jirrizulta minn l-ittra ufficjali minnu spedita fil-11 ta' Frar, 1994.

Konsegwentement il-Kummissarju ta' l-Artijiet ipprezenta rikors quddiem dan il-Bord fl-ismijiet "Kummissarju ta' l-Artijiet kontra Paul Vella" (rikors numru 23 ta' l-2000) fejn talab li dan il-Bord jiffissa l-kumpens relattiv ghall-art esproprjata ndikata minnu dettaljatament fl-istess rikors.

Ghalkemm ma' jirrizultax li ghal dawn il-proceduri l-intimati dahhlu xi risposta, mill-atti jirrizulta illi huma kkontestaw l-kumpens li kien offra r-rikorrent Kummissarju ta' l-Artijiet u strahu fuq l-ittra ufficjali li biha kienu kkontestaw il-kumpens li gie offrut bl-Avviz ghal Fehim.

Wara li kienu nstemghu il-provi u wara li gie pprezentat ir-rapport tal-membri teknici, dan il-Bord, b' decizjoni tieghu tas-6 ta' Dicembru, 2004, wara illi ddikjara li l-art in kwistjoni ghandha tigi klassifikat bhala art fabbrikabbli kif

iddeterminaw il-membri teknici ta’ l-istess Bord, kien stabbilixxa kumpens fis-somma ta’ sitta u sebghin elf lira Maltin (LM76,000) u ordna t-trasferiment ta’ l-art versu dan il-kumpens mis-sid lill-attur Kummissarju ta’ l-Artijiet.

Jirrizulta ukoll lil-kumpens illi gie stabbilit minn dan il-Bord fis-sentenza tieghu tas-6 ta’ Dicembru tas-sena 2004 kien jissupera dak l-ammont illi bl-ittra ufficjali tieghu l-konvenut, dak in-nhar intimat ,kien ippretenda li ghandu jkun il-kumpens gust u reali li kellhu jithallas.

Ghalhekk f’ dawn il-proceduri, il-Kummissarju ta’ l-Artijiet, l-attur qieghed jitlob li tigi revokata u mhassar dik id-decizjoni ta’ dan il-Bord tas-6 ta’ Dicemrbu ta’ l-2004 billi jsostni illi f’ dik is-sentenza l-Bord ma’ kienx osserva d-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 27 1 (b) (i) tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta, billi jsostni illi dan il-Bord naqas illi jsegwi ukoll il-principji stabbiliti fl-Artikolu 18 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta u naqas li jikklassifika l-art u ma’ ndikax jekk din l-art in kwistjoni hix fabrikabbli jew le u li meta stabbilixxa kumpens ghola minn dak li kien ippretenda l-intimat, illum rapprezentat mill-konvenuti, huwa ukoll applika l-ligi hazin bi ksur ta’ l-Artikoli 811 (e) (f) (g) u (l) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn ezami ta’ l-atti kollha tal-process tar-rikors originali jirrizulta illi verament fid-decizjoni tieghu dan il-Bord kien b’ zvista indika illi t-territorju, li minnhu l-parti in kwistjoni li taghha kellhu jiffissa l-kumpens, kien ikbar milli effettivament kien gie indikat mill-Kummissarju ta’ l-Art fir-rikors promotur tieghu; izda jirrizulta ukoll illi din id-differenza ta’ erbghin (40) metri kwadri hija definitivament effett ta’ svista jew zball dattilografu f’dik il-parti fejn il-kejl tat-territorju ma kienx indikat ghal skopijiet ta stima izda kien biss parti mid-deskrizzjoni ghall-**identifikazzjoni** tat-territorju li minnhu l-art in kwistjoni kient tghamel parti.

Ghalhekk dan l-izball ma jinfluwixxi bl-ebda mod fuq id-decizjoni tal-Bord illi ghamel stima, mhux ta’ t-territorju intier imma, tal-porzjoni ta’ elf, mija u wiehed u sittin (1161) metru kwadru biss li kienu jappartjenu lil konvenut u specifika dan il-kejl fid-decizjoni tieghu tas-6 ta’

Dicembru, 2004 u stabilixxa l-kumpens mhux ghat-terittorju kollu izda precizament ghal dik il-porzjoni li taghha l-konvenut kien jipposjedi l-utile domiju.

Ghalhekk ma jirrizultax illi l-Bord ghamel xi stima li tirrigwarda xi porzjoni ikbar minn dik il-porzjoni li ghaliha l-istess Kummissarju ta’ l-Artijiet kien qed jaghmel riferenza u li taghha kien talab illi jigi stmat il-kumpens.

Lanqas ma jirrizulta illi l-Bord naqas milli josserva d-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 18 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta, billi effettivament fl-istess decizjoni tas-6 ta’ Dicembru, dan il-Bord ikklassifika l-art in kwistjoni bhala art fabrikabbli u anke bbaza ruhu fuq rapport tal-membri teknici l, minn naha taghhom fir-relazzjoni, elenkaw dettaljatament ir-ragunijiet fuq liema huma bbazaw id-decizjoni taghhom illi jikklassifikaw l-art in kwistjoni bhala art fabrikabbli.

Dan huwa kollu in ottempranza ma’ dak li tiddetta l-ligi in kwistjoni, l-Kapitolu 88, fejn kull ma huwa rikjest mill-Bord, evidentement bl-assistenza tal-membri teknici, huwa li jikklassifika l-art f’ wahda mill-kategoriji ndikati mill-Kapitolu 88 u jaghti ukoll l-indikazzjoni ta’ dawk l-elementi, kemm ta’ fatt u kemm tad-dritt, illi jkunu hekk wassluh ghal tali klassifikazzjoni.

Kif jirrizulta mir-rapport tal-membri teknici f’ dawk il-proceduri, dawn il-periti kienu waslu biex klassifikaw l-art bhala wahda fabrikabbli billi strahu fuq ix-xhieda illi ngabret matul il-proceduri, senjatament id-deposizzjonijiet tar-rapprezentant tal-Malta Environment Planning Authority u tar-rapprezentanti ta’ l-Awtorita’ tad-Djar u strashu ukoll fuq dawk il-fatturi l’ ohra kollha li rrizultaw kemm mill-access kif ukoll mic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

In oltre ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni ta’ l-attur illi s-sentenza ta’ dan il-Bord tas-6 ta’ Dicembru, applikat il-ligi hazin jew li l-Bord ta iktar minn dak li ntalab u dana billi stabbilixxa kumpens f’ ammont iktar minn dak illi il-konvenut kien ippretenda li jithallas minghand l-attur bl-ittra ufficjali tieghu, dan il-Bord qed jaghmel ampja

riferenza ghad-decizjoni tieghu ta' llum stess moghtija fil-kawza fl-ismijiet "Il-Kummissarju ta' l-Artijiet kontra John Saliba et", (citazzjoni numru 7 ta' l-2005) deciza llum stess. F'dik is-sentenza gie deciz hekk:

*Ghalhekk billi l-attur, il-Kummissarju ta' l-Artijiet, qieghed isostni illi l-Bord kien prekluz skond il-ligi milli jiddeciedi li jaghti kumpens lis-sidien f' ammont li jissupera dak l-ammont illi l-konvenuti kienu ddikjaraw bhala l-valur gust u reali, huwa allega illi l-Bord applika l-ligi hazin u li anke bis-sentenza tieghu kien ta izjed minn dak li ntalab u ghaldaqstant talab li dan il-Bord jirrevoka u jhassar id-decizjoni tieghu tas-6 ta' Dicembru, 2004 a tenur ta' l-artikoli 811(e) u 811(g) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement talab li dan il-Bord jordna r-ritrattazzjoni tar-rikors fl-ismijiet premessi.*

*L-istess attur ghamel ukoll riferenza ghall-emendi li gew introdotti fil-Kapitolu 88 bl-Att XVII ta' l-2004 li fl-artikolu 4 kien ipprovda ghall-emenda ta' l-Artikolu 25 tal-Kapitolu 88 fejn l-ammont ta' kumpens li seta' jigi issa determinat mill-Bord kien gie limitat ghall-ghola ammont ta' kumpens illi jkun gie propost minn xi wahda mill-partijiet.*

*Din l-emenda dahlet fis-sehh fit-23 ta' Dicembru, 2004 izda bi provediment provizorju taht l-Artikolu 4, subinciz 2 ta' l-istess Att kien gie provdut illi tali emenda ta' l-artikolu 25 kellha tapplika ghall-proceduri kollha anke dawk pendenti dwar art li fuqha hemm dikjarazzjoni mahruga taht l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza li tkun harget qabel ma' dahal fis-sehh dan l-artikolu.*

*Pero' billi d-decizjoni ta' dan il-Bord li taghha l-attur qed jitlob ir-revoka inghatat fis-6 ta' Dicembru, 2004 u ghalhekk fi zmien qabel ma' giet ippromulgata l-emenda li ordnat il-limitazzjoni fl-ammont ta' kumpens li jista' jaghti l-Bord, u ghalhekk fi zmien ukoll meta tali emenda kienet ghadha mhix fis-sehh, l-attur ma' jistghax jistrieh fuq tali emenda biex tirnexxi t-talba tieghu ghar-revoka tad-decizjoni imsemmija.*

*Ghalhekk l-ezami li jrid jaghmel il-Bord huwa dak rikjest biex jista' jistabbilixxi jekk anke qabel ma' dahal fis-sehh l-Att XVII ta' l-2004, dan il-Bord kienx ukoll marbut ma' l-istess limitazzjonijiet u jekk is-sid tal-fond esproprjat kienx obbligat ukoll illi jindika dak il-valur illi huwa kien jidhirlu li huwa gust u reali tal-fond li kien gie esproprjat.*

*Izda l-ligi applikabbli ghall-proceduri decizi mill-Bord fis-6 ta' Dicembru, 2004 sa dak iz-zmien ma' kienet tipprovdi ghal ebda obbligu fuq is-sid ta' l-art esproprjata li huwa jindika x' kien il-kumpens li kien qed jippretendi ghall-art esproprjata u kien sufficjenti ghalih illi huwa jikkontesta biss dak li kien qed joffrilu l-Kummissarju ta' l-Artijiet billi jsostni biss illi dak il-kumpens offrut ma' kienx gust u reali u setgha jistrieh biss u joqghod fuq dak il-kumpens li kien ser jiffissa l-Bord.*

*Jirrizulta ukoll li dan l-Bord, skond il-ligi applikabbli dak inhar ta' d-decizjoni tieghu, ma' kellu ebda limitazzjoni dwar l-ammont ta' kumpens illi huwa seta' jistabbilixxi relattivament ghall-art li kienet qed tigi esproprjata, salv biss illi tali kumpens kellhu jkun mahdum u ibbazat fuq id-disposizzjonijiet applikabbli ta' dik l-istess ligi.*

*Ghalhekk ma' jistax jinghad illi l-emendi ntrodotti fit-23 ta' Dicembru, 2004 kienu diga' applikabbli ghall-proceduri quddiem dan il-Bord anke qabel ma' gew ippromulgati.*

*Infatti l-fatt fih innifsu illi giet fis-sehh tali emenda bl-att fuq imsemmi u l-fatt ukoll illi nhasset il-htiega illi jinghata ukoll effett il-provvediment transitorju illi ghamel din l-emenda applikabbli anke ghall-proceduri li huma diga' pendenti huma fatti ndikattivi illi tali limitazzjonijiet introdotti bl-emenda ta' l-att XVII ta' l-2004 ma' kienux applikabbli ghall-proceduri li kienu pendenti quddiem il-Bord qabel ma' ghaddiet tali emenda. Iktar u iktar m' humiex applikabbli ghal dawk il-proceduri li kienu diga' decizi mill-Bord u tterminati qabel ma effettivament gie ippromulgat l-Att li gab fis-sehh tali emenda.*

Din hija l-fehma ta dan il-Bord. Infatti qabel l-emendi ma nghataw effett u forza legali fit-23 ta’ Dicembru, 2004, ma’ kien hemm ebda obbligu fuq is-sid ta’ l-art esproprijata illi jindika l-valur gust u reali li huwa kien qed jippretendi bhala kumpens u illi kien bizzejjed ghall-intimat li, fil-proceduri mibdija mill-Kummissarju ta’ l-Artijiet biex jigi ffissat il-kumpens, huwa jiddikjara biss illi ma’ kienx qed jaccetta l-kumpens offrut.

Billi l-Bord ma’ kellu ebda limitazzjoni dwar l-ammont ta’ kumpens illi huwa seta’ jistabbilixxi bhala kumpens gust u reali ghall-art li giet esproprjata u billi tali emendi saru u l-provvediment transitorju iddispona li tali emendi kellhom japplikaw anke ghal proceduri diga pendenti dwar esproprjazzjonijiet illi kienu saru qabel id-data li fih dahlu fis-sehh l-emendi, kollox jindika illi l-Bord kien awtorizzat illi b’ sentenza tieghu qabel ma’ dahlu fis-sehh tali emendi huwa jasal u jistabbilixxi kumpens illi jkun ghola minn dak illi is-sid intimat ikun qed jippretendi li jinghata.

Ghal dak li gie allegat mill-attur li l-Bord kien ta iktar minn dak li gie mitlub, ghandhu jinghad biss illi l-konvenut, fil-proceduri originali in kwistjoni, ma kien talab xejn; kien biss l-attur li talab principalment li l-Bord jiffissa il-kumpens gust u reali ta’ l-fond esproprijat u l-Bord, bid-decizjoni tieghu, m’ghamel xejn iktar minn dak li gie mitlub u appuntu ffissa l-kumpens gust u reali ta’l-art lie giet esproprijata mill-poter ta’ l-intimat/konvenut.

Ghaldaqstant ma tirrizulta ebda gustifikazzjoni valida ghat-talba tar-revoka tas-sentenza indikata u filwaqt illi l-Bord jilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fil-mertu qieghed jichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------